MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 403/2012

**The General Soft Drinks Company Limited (C-1591)**

**vs**

**Randolph Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar id-29 ta’ Novembru, 2012 fejn talbet il-din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmint elef u tlieta u tmenin Ewro u hmistax-il centezmu (€8,083.15) prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu u dan skond ma jidher fir-rendikont anness fir-rikors u mmarkat ‘Dok A’.

Bl-imghaxijiet mis-26 ta’ Ottubru, 2010 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluzi l-ispejjez legali inkorsi sa issa fl-ammont ta’ €56.25

kif jidhru fir-rendikont fuq imsemmi, li jinsab ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013 deher l-konvenut Randolph Cauchi assistit minn Dr. Albert Zerafa li rregistra ammissjoni ghall-kreditu tas-socjeta' rikorrenti u stqarr li ma kellux minn fejn ihallas ghaliex kien maghfus.

Illi nhar it-23 ta' Jannar, 2013 deher Dr Aldo Saliba ghan-nom tas-socjeta' attrici li nforma lill-Qorti li pendente litis il-konvenut hallas l-ammont ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400) u ghalhekk il-bilanc dovut minnu illum huwa ta' sitt elef, sitt mija u tlieta u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€6,683.15).

Illi ghalhekk in vista ta' dak li qal seduta stante, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li takkolji t-talba attrici.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma mitluba mis-socjeta' attrici fir-rikors promotur taghha b'dan illi qed tikkundannah ihallas il-bilanc rimanenti ta' sitt elef, sitt mija u tlieta u tmenin ewro u hmistax-il centezmu (€6,683.15) u dan bl-imghaxijiet mis-26 ta' Ottubru, 2010 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur kollha kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------